Dispożittiv

(1) *Il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" li jinsab fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis sens li dan ir-regolament japplika għar-rikonoxximent u għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti li tinkludi kundanna għall-ħlas ta' multa, sabiex tiġi osservata sentenza ġudizzjarja mogħtija f'materji ċivili u kummerċjali*

(2) *L-ispejjeż marbuta ma' proċedura ta' exequatur li ta bidu għaliha Stat Membru, li matulha jintalbu ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor fil-kuntest ta' kawża intiża sabiex jiġi rrispettat dritt ta' proprjetà intellettwali, jaqgħu taħt l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/48 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.*

([1]) ĠU C 312, 19.12.2009

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-20 ta' Ottubru 2011 — Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Franċiża

(Kawża C-549/09) ([1])

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna mogħtija favur is-sajd u l-akwakultura — Deċiżjoni li tiddikjara din l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni — Obbligu li tirkupra minnufih l-għajnuna ddikjarata illegali u inkompatibbli kif ukoll li tinforma lill-Kummissjoni dwar dan — Nuqqas ta' eżekuzzjoni — Impossibbiltà assoluta ta' eżekuzzjoni)

(2011/C 362/06)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Gippini Fournier u K. Walkerová, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u J. Gstalter, aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli tadotta d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/239/KE, tal-14 ta' Lulju 2004, dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mogħtija minn Franza favur is-sajd u l-akwakultura (ĠU 2005, L 74, p. 49) — Obbligu li tirkupra minnufih l-għajnuna ddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq komuni u li tinforma lill-Kummissjoni dwar dan

Dispożittiv

(1) *Billi ma eżegwietx, fit-terminu preskritt, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/239/KE, tal-14 ta' Lulju 2004, dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mogħtija minn Franza favur is-sajd u l-akwakultura, billi rkuprat mill-benefiċjarji tal-għajnuna ddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq komuni mill-Artikoli 2 u 3 ta' din id-deċiżjoni, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE u l-Artikolu 4 din id-deċiżjoni.*

(2) *Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 80, 27.03.2010

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Awla Manja Awla) tat-18 ta' Ottubru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesgerichtshof — il-Ġermanja) — Oliver Brüstle vs Greenpeace eV

(Kawża C-34/10) ([1])

(Direttiva 98/44/KE — Artikolu 6(2)(ċ) — Protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi — Kisba ta' ċelloli prekursuri minn ċelloli staminali embrijoniċi umani — Brevettabbiltà — Esklużjoni tal-"użi ta' l-embrjonijiet (umani) għal għanijiet industrijali jew kummerċjali" — Kunċetti ta' "embriju uman' u ta" "l-użu għal għanijiet industrijali jew kummerċjali")

(2011/C 362/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Oliver Brüstle

Konvenuta: Greenpeace eV

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesgerichtshof — Interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) u (2)(ċ) tad-Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 1998, dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 395) — Kisba, għall-finijiet ta' riċerka xjentifika, ta' ċelloli prekursuri minn ċelloli staminali embrijoniċi umani imnissla mill-blastoċista, li diġà tilef il-kapaċita li jiżviluppa f'esseri uman — Esklużjoni mill-brevetibbiltà ta' dan il-proċess bħala "użu ta' embriji umani għal finijiet industrijali jew kummerċjali"? — Kunċett ta' "embriju uman" u ta' "użu għal finijiet industrijali jew kummerċjali"

Dispożittiv

(1) *L'Artikolu 6(2)(ċ) tad-Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 1998, dwar il protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi għandu jiġi interpretat fis-sens li:*

— *tikkostitwixxi "embriju uman" kull bajda umana sa mill-istadju tal-fertilazzjoni tagħha, kull bajda umana mhux iffertilizzata li fiha ġie impjantat nukleu ta' ċellola umana matura u kull bajda umana mhux iffertilizzata li, permezz tal-partenoġenesi, ġiet stimulata sabiex tinqasam u tiżviluppa;*

— *huwa l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tiddetermina, fid-dawl tal-iżviluppi tax-xjenza, jekk ċellola staminali miksuba minn embriju uman fl-istadju tal-blastoċisti tikkostitwixxix "embriju uman" fis-sens tal-Artikolu 6(2)(ċ) tad-Direttiva 98/44.*

(2) *L-esklużjoni mill-brevettabbiltà li tirrigewarda l-użu ta' embriji umani għal għanijiet industrijali jew kummerċjali msemmija fl-Artikolu 6(2)(ċ) tad-Direttiva 98/44 tirrigwarda wkoll l-użu għal finijiet ta' riċerka xjentifika, u huwa biss l-użu għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostoċi li jiġu applikati fuq l-embriju uman u li huma utli għalih, li jista' jkun is suġġett ta' privattiva.*

(3) *L-Artikolu 6(2)(ċ) tad-Direttiva 98/44 jeskludi l-brevettabbiltà ta' invenzjoni meta l-edukazzjoni teknika li hija s-suġġett tal-applikazzjon għal privattiva tirrikjedi l-qerda minn qabel ta' embriji umani jew l-użu tagħhom bħala materjal inizjali, ikun xi jkun l-istadju li fih isiru dawn u anki jekk id-deskrizzjoni tal-edukazzjoni teknika mitluba ma ssemmix l-użu ta' embriji umani.*

([1]) ĠU C 100, 17.04.2010.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-20 ta' Ottubru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vestre Landsret — id-Danimarka) — Danfoss A/S, Sauer-Danfoss ApS vs Skatteministeriet

(Kawża C-94/10) ([1])

(Taxxi indiretti — Dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali — Inkompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni — Nuqqas ta' restituzzjoni tas-sisa lix-xerrejja ta' prodotti li fuqhom is-sisa ġiet mgħoddija)

(2011/C 362/08)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Vestre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Danfoss A/S, Sauer-Danfoss ApS

Konvenuta: Skatteministeriet

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Vestre Landsret — Interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar l-irkupru ta' ħlas mhux dovut u l-kundizzjonijiet għall-kumpens tad-danni kkawżati lill-individwi — Dazju tas-sisa miġbur bi ksur tas-sistema armonizzata tad-dazju tas-sisa mwaqqfa mid-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tal-25 ta' Frar 1992, dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 179) u d-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi għad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali (ĠU L 316, p. 12) — Dazju tas-sisa illegali mħallas lill-Istat minn kumpanniji taż-żejt li biegħu żejt suġġett għad-dazju tas-sisa filwaqt li inkorporaw id-dazju tas-sisa fil-prezz tal-merkanzija — Nuqqas ta' rifużjoni tad-dazju tas-sisa mill-Istat lix-xerrejja taż-żejt minħabba li dawn ma kinux ħallsuh lill-Istat — Rifjut ta' kumpens għad-dannu kkawżat lix-xerrejja taż-żejt mid-dazju tas-sisa illegali minħabba n-nuqqas ta' dannu immedjat u ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur tal-obbligu tal-Istat u d-dannu subit

Dispożittiv

Ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

(1) *Stat Membru jista' jopponi talba għal rimbors ta' taxxa mħallsa indebitament imressqa mix-xerrej li fuqu għaddiet dik it-taxxa, għar-raġuni li ma huwiex dan tal-aħħar li ħallasha lill-awtoritajiet tat-taxxa, dment li dan jista', taħt id-dritt intern, iressaq azzjoni ċivili għall-irkupru ta' ħlas indebitu fir-rigward tal-persuna taxxabbli u dment li r-rimbors minn dan tal-aħħar tat-taxxa indebitament imħallsa ma jkunx prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli;*

(2) *Stat Membru jista' jiċħad talba għall-kumpens imressqa mix-xerrej li fuqu l-persuna taxxabbli għaddiet taxxa indebita, fuq il-bażi ta' nuqqas ta' rabta kawżali diretta bejn il-ġbir ta' dik it-taxxa u d-dannu subit, dment li x-xerrej jista', fuq il-bażi tad-dritt intern, jidderieġi l-imsemmija talba kontra l-persuna taxxabbli u li l-kumpens, minn dan tal-aħħar, tad-dannu subit mix-xerrej ma jkunx prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli.*

([1]) ĠU C 100, 17.04.2010.